**207. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

## KIRI TA' ART F'ĦAL-LUQA REĠISTRATA BIN- NUMRU 72980 LILL- AIR MALTA COMPANY LIMITED

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta beħsiebu jikri lill-Air Malta Company Limited art f'Ħal-Luqa reġistrata bin-numru 72980, kif deskritta aħjar fl- Abbozz ta' Ftehim imqiegħed u taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl- istess Abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu ( ċ ) tas- subartikolu ( 1 ) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal- Gvern li art li tkun proprjetà tal- Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal- Kamra tad- Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-art f' Ħal- Luqa kif deskritta aħjar fl- Abbozz ta' Ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tiġi mogħtija lill-Air Malta Company Limited għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmijin fl-istess Abbozz.

30.07.1979